# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR JOSEPH A. FILLETTI, B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**
**ONOR FRANCO DEPASQUALE, LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 23 ta' Frar, 2001**

**Numru 40**

**Cit. Nru. 161/93 GV**

**Antonia Bugeja u Charles Degabriele**

**vs**

**Maria Grima Baldacchino, Dr. Raymond Pace u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici nominati bhala Kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-imsiefer Francis Grima bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti u amministratur tal-beni paragernali ta' martu Maria Grima Baldacchino**

**<u>L-Att tac-Citazzjoni</u>**

L-atturi pprocedew kontra l-konvenuti b'dan l-att tac-citazzjoni-

> "L-atturi ppremettew illi l-esponenti ddepozitaw mal-konvenuta is-somma ta' elf lira maltin (Lm1,000), sabiex l-istess konvenuta tkun tista' zzid flejjes ohra ma' l-istess flus u taghmel tajjeb ghal-liberta' provizorja ta' certu Joseph Zammit,

sakemm il-kawza kriminali kontra l-istess Joseph Zammit tigi definittivament deciza;

Premess illi l-kawza kriminali kontra l-istess Joseph Zammit giet definittivament deciza fis-sittax (16) ta' Ottubru, 1992, u wara l-konvenuta irtirat mir-registru tal-Qorti d-depozitu li ghamlet;

Premess illi ghalkemm interpellata sabiex tirrestitwixxi l-imsemmi depozitu ta' elf liri maltin (Lm1,000) u dan anke permezz ta' ittra ufficjali datata erbgha (4) ta' Dicembru, 1992, il-konvenuta baqghet inadempjenti;

L-atturi talbu li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tikkundanna lill-konvenuti jirrestitwixxu lill-atturi s-somma ta' elf lira maltin (Lm1,000), somma ta' flus depozitata maghhom ghar-raguni fuq imsemmija;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data ta' erbgha (4) ta' Dicembru, 1992, u tal-Mandat ta' Sekwestru numru 2080/1992 kif ukoll bl-imghax legali mis-sittax (16) ta' Ottubru, 1992, sal-jum tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti".

**<u>Eccezzjonijiet</u>**

Il-kuraturi deputati nominati biex jirrapprezentaw lill-imsiefer Francis Grima bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u amministratur tal-beni parafernali ta' martu Maria Grima Baldacchino, hekk eccepew:-

"1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u di piu' l-eccipjenti ghadhom mhux dedotti mill-fatti stante li ghadhom ma kkomunikawx ma' Francis Grima;

2. Illi pero' jinghad li l-eccipjenti kkomunikaw ma' Maria Grima Baldacchino permezz ta' ittra datata tnejn (2) ta' Frar, 1993, u din permezz ta' telefonata informathom li Francis Grima huwa mejjet".

Il-konvenuta Maria Grima Baldacchino hekk eccepiet ghat-talbiet attrici:-

> "Illi kwantu ghall-attrici Antonia Bugeja, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li m'huwiex minnu li l-eccipjenti qatt kienet depozitarja ta' xi flus appartenenti lill-imsemmija attrici;
>
> Illi kwantu ghall-attur Charles Degabriele, t-talba tieghu hi ntempestiva u fi kwalsiasi kaz similment infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti fl-ewwel lok lanqas taf min hu u lanqas qatt ma kienet depozitarja ta' xi flus tieghu;
>
> Illi sussidjarjament u bla pregudizzju, fi kwalunkwe kaz, l-eccipjenti m'ghandha qatt tbati l-ispejjez tal-kuraturi stante li l-attrici Antonia Bugeja kienet taf li l-eccipjenti kienet separata u divorzjata minn Francis Grima u li dan ilu mejjet".

**<u>Noti</u>**

Giet prezentata nota quddiem l-ewwel Qorti b'kopja tac-certifikat tal-mewt tal-konvenut Frank Grima, li ghalih, kif inghad, kienu qed jidhru kuraturi deputati. Sussegwentement l-atturi, b'nota ohra quddiem l-ewwel Qorti, cedew il-pretensjonjiet taghhom limitatament ghall-konvenuti kuraturi deputati. Bhala konsegwenza ta' dawn in-noti, l-azzjoni attrici giet limitata fil-konfront tal-konvenuta Maria Grima Baldacchino. Konsegwentement it-talba attrici kellha tigi verifikata fid-dawl ta' l-eccezzjonijiet sollevati minn din il-konvenuta.

## Decide

B'sentenza tat-3 ta' Ottubru, 1996, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi kkundannat lill-konvenuta tirrestitwixxi lill-konvenuta Antonia Bugeja is-somma ta' elf lira maltin, ghar-ragunjiet imsemmija fis-sentenza, bl-imghax u bl-ispejjez (hlief dawk tan-nomina tal-kuraturi) kontra l-konvenuta.

## Motivazzjoni tas-sentenza appellata

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha.

> "Illi mill-provi prodotti jirrizulta bla dubbju li elf lira (Lm1,000) minnhom hargithom l-attrici Antonia Bugeja. Dan huwa ammess anke mill-konvenuta.
>
> Li qed tghid il-konvenuta pero' huwa li hi harget l-elf lira (Lm1,000) taghha bil-kondizzjoni li l-ircevuta tal-plegg tohrog fuq isimha biss, u li Joseph Zammit li kien qalilha li d-depozitu ta' elfejn lira (Lm2,000) kien taghha kollu u setghet tirtirah.
>
> Illi m'hemmx dubbju li l-ircevuta ta' elfejn lira (LM2,000) li gew depozitati l-Qorti bhala plegg, harget f'isem il-konvenuta (ara dok a fol 64);
>
> Il-konvenuta xehdet li kienet kellmet lil Zammit il-habs u dana kien qalilha li l-flus tal-plegg kienu taghha ghax l-ohrajn kienu covered b'deheb u karozzi. Ghalhekk l-ghada fil-ghodu marret u gibdet il-plegg kollu.
>
> Charlie Baldacchino xehed li meta kienu ghamlu d-deposit hu ried li l-ircevuta tigi fuq ismu, izda l-konvenuta insistiet li ssir fuq isimha kif fil-fatt sar. Hu kien fdaha ghax kien jinnegozja maghha.

Joseph Zammit xehed li l-elf lira (Lm1,000) kienet hargithom il-konvenuta u elf lira (Lm1,000) harighom Charlie Degabriele. Kemm Degabriele kif ukoll il-konvenuta kkonfermawlu li kienu hargu elf lira (Lm1,000) kull wiehed. Il-habs kien kellem lill-konvenuta fuq affarijiet personali u kien issemma anke l-plegg. Il-konvenuta riedet li tigbed il-pledge kollu hija, izda hu qalilha li kellhom jigbruhom it-tnejn ghax kienu hargu elf kull wiehed.

Illi l-onus tal-prova qieghed fuq il-konvenuta li kien hemm xi qbil li hija kellha tigbed id-deposit tal-plegg kollu hi wahedha. F'cirkostanzi normali l-konvenuta kienet tkun intitolata li tigbed il-plegg kollu hija, billi l-ircevuta qeghda fuq isimha u l-Qorti kienet korretta li tirrilaxxa l-flus favuriha. Izda mill-provi prodotti u anke mill-ammissjoni tal-konvenuta stess jirrizulta li elf lira (Lm1,000) minn dawk li gibdet ma kienux taghha.

It-tezi tal-konvenuta li kien hemm xi ftehim li l-plegg kien kollu taghha ma sabx riskontru, la fix-xhieda ta' l-atturi u lanqas ta' Joseph Zammit li suppost kien qalilha biex tigborhom kollha hija. Jekk kien hemm xi ftehim bejn Zammit u l-konvenuta dan ma kienx jorbot lill-atturi li ma kienux parti fih, izda lanqas dan il-ftehim ma gie pruvat mill-konvenuta. Ix-xhieda li quddiemhom suppost inghad certu diskors ma ftakru xejn.

Hawn wiehed jistaqsi jekk il-konvenuta fil-bidu nett kienet tant insistiet kif qed tghid hi, li ma kienetx ser tohrog sold jekk il-plegg ma jsirx kollu fuq isimha u jkun taghha, kif wara hasset il-bzonn li tmur tkellem lil Zammit biex tara x'ser taghmel bil-flus, jekk tohodhomx kollha hi jew taghti elf lira (Lm1,000) lill-atturi.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-konvenuta ma ppruvatx li kien hemm qbil li hija kellha tieghu l-elfejn lira (LM2,000) kollha hija.

Min-naha l-ohra l-Qorti tikkonkludi li l-atturi ppruvaw li elf lira (Lm1,000) minn dawk li gew sbankati mill-konvenuta bic-cedola a fol 64 kienu ta' l-attrici Antonia Bugeja u ghalhekk il-konvenuta ghandha tirrestitwixxi elf lira (Lm1,000) lill-attrici Antonia Bugeja".

## **<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Minn din is-sentenza appellat il-konvenuta Maria Grima Baldacchino. L-attur Charles Degabriele m'appellax u allura fil-konfront tieghu s-

sentenza appellata ghaddiet in gudikat. L-appell tal-konvenuta fil-mertu jista' jigi hekk identifikat.

1. L-atturi appellati qed jibbazaw il-pretensjoni ghar-rifuzjoni tal-kapital fuq allegazzjoni ta' depozitu ma' l-appellanti. Il-fatti juru li ma kien sar l-ebda depozitu ma' l-appellanti imma li kien biss sar depozitu mal-Qorti bhala plegg ghal Joseph Zammit. F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk, l-unika relazzjoni guridika li tohrog mid-depozitu in kwistjoni, setghet tkun biss jew mad-depozitarju (f'dan il-kaz ir-Registratur tal-Qorti) jew inkella mal-persuna li bbenefika minn tali depozitu (f'dan il-kaz Joseph Zammit). L-appellanti ssostni li l-ewwel Qorti kienet marbuta li tikkonsidra t-talba ta' l-atturi fid-dawl ta' l-elementi li kienu jikkostitwixxu d-depozitu. Qatt ma kien hemm dubju li originarjament l-elf lira kienu ta' l-attrici. Il-kontestazjoni kienet biss fuq min ghandu jirrestitwihomlha. L-appellanti tkompli jissottometti illi l-attrici kienet ben konxja li biex setghet taghmel id-depozitu bhala plegg a favur ta' Joseph Zammit, l-appellanti kienet qed tinsisti li d-depozitu shih ta' elfejn lira ikun kollu f'isimha, u dan peress illi hi kienet diga' kreditrici ta' dan Zammit f'somma ferm aktar minn l-elf lira in kwistjoni. Fis-sottomissjoni taghha, una volta l-attrici accettat li d-depozitu l-Qorti jsir mill-appellanti wahedha, u f'isimha biss, kif fil-fatt sar, dan kien ifisser illi d-depozitu tal-plegg kollu setghet tiehdu hi, u cioe' l-appellanti. Kien jispetta lill-attrici appellata li tipprova li kien hemm ftehim kuntrarju. Kienet zbaljata l-

ewwel Qorti meta rriteniet li l-onus tal-prova kien qieghed fuq il-konvenuta.

Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-aggravju semplicement ghaliex ma jirrizultax sorrett mill-provi prodotti. L-istess konvenuta qeghda taccetta, bhala fatt, illi elf lira mid-depozitu maghmul fir-Registru tal-Qorti favur Joseph Zammit biex dan ikun jista' johrog bi plegg, kienu jappartjenu lill-attrici Antonia Bugeja. Ma tirrizulta assolutament l-ebda prova li din is-somma kienet giet avanzata mill-appellata favur il-konvenuta appellanti. Tirrizulta, ghall-kuntrarju, l-prova li din is-somma nharget unikament fl-interess ta' dan Joseph Zammit. Inharget bhala garanzija biex dan ikun jista' jinghata l-helsien mill-arrest, u una volta sodisfatta u ezawrita tali garanzija, ma seta' jkun hemm l-ebda dubbju li l-ammont kellu jigi mhallas lura lil min ghamel garanti. Garanti reali u mhux semplici presta nome. Tirrizulta nfatti provata, u hi anzi ammessa mill-istess appellanti, ic-cirkostanza illi l-flus gew mghoddija lilha minn Antonia Bugeja bi struzzjonijiet specifici li jigu utilizzati ghall-fini ta' hlas tal-plegg ta' Joseph Zammit. Ma jirrizulta mkien mill-atti li l-appellata kienet b'xi mod obbligata favur l-appellanti. Kif lanqas ma tirrizulta pruvata l-kondizzjoni li l-appellata kienet qed tavanza l-flus lill-appellanti bil-kondizzjoni li dawn il-flus kienu ser isiru taghha unikament bil-fatt illi l-plegg kollu ta' elfejn lira kien, ghall-konvenjenza, ser jigi depozitat f'isimha.

L-appellanti allura bl-ebda mod ma tavanza xi "kawza" li bis-sahha taghha seghet tinholoq relazzjoni gjuridika bejnha u bejn l-appellanti. Konsegwentement kieku kellu jigi accettat l-aggravju tal-appellanti, dan ikun ifisser illi l-appellanti tkun qeghda tircievi flus minghand l-appellata meta dawn ma kienu ghal ebda raguni fil-ligi dovuti lilha. Zgur li ma jirrizulta l-ebda ftehim illi l-appellati kellhom ihallsu xi parti mid-dejn li Joseph Zammit seta' kellu mal-appellanti. Jekk kien jezisti ftehim simili bejn l-appellanti u l-istess Joseph Zammit dan kien ghall-appellata peress inter alias acta u bl-ebda mod ma jirrizulta li kien gie minnhom sottoskritt.

Din il-Qorti allura taqbel ghal kollox mal-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti illi l-appellanti bhala depozitarja li kienet irceviet minghand l-appellata s-somma ta' elf lira b'istruzzjonijiet biex tutilizzahom biss f'depozitu ghall-plegg ta' Joseph Zammit, kienet obbligata illi, appena tirtira l-istess plegg mill-Qorti, tirrifondi l-istess appellata dik il-parti mid-depozitu minnha maghmul.

L-appellanti tappella wkoll sussidjarjament kontra dak li ddecidiet l-ewwel Qorti fir-rigward tal-kap tal-ispejjez. Dana fuq zewg aggravji li l-Qorti ser tikkunsidra separatament.

(a) L-ewwel aggravju hu illi una volta l-ewwel Qorti kkonkludiet li sid il-flus kienet l-attrici Antonia Bugeja u allura l-attur l-iehor, Charles Degabriele ma kellux locus standi fil-kawza, kienet konsegwenzjali il-konkluzjoni illi l-ispejjez ta' dan l-attur ma setghu qatt jigu akkolati mill-appellant. Dan l-aggravju huwa teknikament korrett u ser jigi milqugh anke jekk materjalment ma tantx jidher li jista' jaghmel differenza ghall-fini tat-taxxa tal-kawza.

(b) It-tieni aggravju tal-appellant fir-rigward tal-kap tal-ispejjez hu illi, una volta kien jirrizulta car li l-atturi jkunu jafu bil-mewt ta' Francis Grima sa minn qabel ipprezentaw il-kawza, u una volta l-istess atturi kienu fil-fatt cedew bla riserva l-pretensjonijiet taghhom kontra l-kuraturi ta' Francis Grima fil-mori tal-kawza, l-ewwel Qorti ma setghet qatt takkolla lill-istess attur l-ispejjez biss tan-nomina tal-kuraturi izda kellha tilqa' t-tielet eccezzjoni tal-appellanti u takkolla lill-istess atturi bl-ispejjez kollha - u mhux biss tan-nomina – ta' l-imsemmija kuraturi. Anke dan l-aggravju jirrizulta korrett. Infatti fl-ittra ufficjali tas-26 ta' Jannar 1993, mibghuta mill-appellanti lill-appellata Antonia Bugeja, l-istess appellanti tikwalifika lilha nnifisha bhala "armla minn Francis Grima". Din l-ittra ufficjali giet debitament notifikata lill-istess appellata fit-3 ta' Frar 1993 u cioe' f'data antecedenti ghall-prezentata tal-prezenti istanza quddiem l-Ewwel Qorti. Dan ifisser illi Francis Grima gie malament imharrek mill-atturi billi dan kien diga' miet u l-istess malament kienet saret it-talba

ghall-hatra ta' kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-istess "Francis Grima, (allura mejjet), imsiefer minn dawn il-Gzejjer". Minn naha l-ohra hi wkoll korretta s-sottomissjoni tal-appellanti li una volta l-atturi cedew l-atti fil-konfront tal-kuraturi deputati, bla ebda riserva, ma setghetx hi tigi akkolata bl-ispejjez taghha. Dan l-aggravju qed jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tiddisponi mill-appell kif gej :-

1. Tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu laqghet it-talba attrici kif dedotta fir-rigward tal-meritu u hlas tal-imghax.

2. Tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-konvenuta appellanti thallas l-ispejjez kollha tal-kawza hlief dawk tan-nomina tal-kuraturi u minflok tirregola l-kap tal-ispejjez kif gej :-

(a) L-ispejjez tal-prima istanza kellhom jithallsu mill-konvenuta appellanti hlief ghal dawk tal-attur Charles Degabriele li kellu jbatihom hu stess u dawk tal-kuraturi deputati li kellhom ibatuhom l-atturi.

(b) Dawk ta' dan l-appell kellhom jithallsu kwantu ghal terz mill-appellati u kwantu ghal zewg terzi mill-appellanti Maria Grima Baldacchino. M'huma dovuti l-ebda spejjez f'din l-istanza fil-konfront

tal-kuraturi deputati billi l-atti fil-konfront taghhom gew ceduti quddiem l-ewwel Qorti.

Dep/Reg

mm